



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.6.2007  
KUMM(2007) 323 finali

2007/0109 (CNS)

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**dwar ir-riżultati ta' l-assistenza awtorizzata fil-Finlandja għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali**

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1947/2005, dwar l-assistenza nazzjonali mogħtija mill-Finlandja għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2007) 799}

## WERREJ

1.	INTRODUZZJONI.....	3
2.	IS-SISTEMA TA' ASSISTENZA NAZZJONALI GĦAL PRODUZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA.....	3
2.1.	Assistenza għaż-żerriegħa taċ-ċereali.....	3
2.2.	Assistenza għaż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla .....	4
2.2.1.	Produzzjoni.....	4
2.2.2.	Implimentazzjoni.....	5
2.2.3.	Modifika ta' l-assistenza.....	5
2.2.4.	Divrenzjar fl-assistenza għal kull reġjun.....	5
2.2.5.	Varjetajiet ta' żrieragħ f'kull speċi eliġibbli għal assistenza (Anness V) .....	6
2.2.6.	Silla ħamra (' <i>Trifolium pratense L.</i> ') – Anness VI, Tabella 1 .....	6
2.2.7.	Il-ħaxix ta' l-għalf (' <i>Phleum pratense L.</i> ') – Anness VI, Tabella 2 .....	6
2.2.8.	Żwien tal-bur (' <i>Festuca pratensis huds.</i> ') – Anness VI, Tabella 3 .....	7
2.2.9.	Sieq is-serduq (' <i>Dactylis glomerata L.</i> ') – Anness VI, Tabella 4.....	7
2.2.10.	Sikrana (' <i>Lolium perenne L.</i> ') – Anness VI, Tabella 5 .....	7
3.	L-IMPORTAZZJONI TA' ŻERRIEGĦA FIL-FINLANDJA.....	8
3.1.	L-importazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali – Anness VII – Tabelli 1 u 2.....	8
3.2.	L-importazzjoni taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla – Anness VII – Tabella 3 .....	8
4.	SKEMI OĦRA TA' ASSISTENZA FIL-FINLANDJA .....	8
5.	ASPETTI TA' PRODUZZJONI TA' ŻRIERAGĦ TAL-ĦAXIX/TAS-SILLA FIL-FINLANDJA U FL-UE-15, KOLLHA KEMM HI.....	9
6.	SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU .....	10
7.	SOMMARJU U OSSERVAZZJONIJIET .....	10
7.1.	Bażi legali.....	10
7.2.	L-implimentazzjoni tas-sistema.....	10
7.3.	Skemi oħra ta' assistenza.....	10
7.4.	Skema ta' Pagament Uniku .....	11
7.5.	Multiplikazzjoni f'pajjiżi oħra.....	11
7.6.	Il-produzzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali.....	11
7.7.	Importazzjonijiet fil-Finlandja.....	11
8.	PROPOSTA.....	12

Nota: *L-Annessi msemmijin f'dan ir-rapport jinsabu f'dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li hu meħmuż ma' dan ir-rapport*  
([http://ec.europa.eu/agriculture/markets/seeds/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/markets/seeds/index_en.htm))

## RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

### dwar ir-riżultati ta' l-assistenza awtorizzata fil-Finlandja għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali

#### 1. INTRODUZZJONI

Skond l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71<sup>1</sup>, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/60/KE tad-9 ta' Jannar 2001<sup>2</sup> awtorizzat lill-Finlandja tagħti assistenza għaż-żerriegħa taċ-ċereali sal-31 ta' Diċembru 2005 (ara l-Anness I), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/61/KE tad-9 ta' Jannar, 2001,<sup>3</sup> awtorizzat lill-Finlandja tagħti assistenza għaż-żrieragħ ta' Silla ħamra, Ħaxix ta' l-għalf, Żwien tal-bur, Sieq is-serduq u Sikrana sal-31 ta' Diċembru 2005 (ara l-Anness II).

Skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1947/2005, il-Kummissjoni għandha qabel l-1 ta' Jannar 2006, abbażi ta' tagħrif mogħti minn qabel mill-Finlandja, tibgħat rapport lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' l-assistenza awtorizzata għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u għal ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali, kif ukoll kull proposta oħra meħtieġa.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq it-tagħrif mogħti regolament mill-awtoritajiet Finlandiżi.

#### 2. IS-SISTEMA TA' ASSISTENZA NAZZJONALI GĦAL PRODUZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA

Iż-żewġ awtorizzazzjonijiet ikopru esklussivament varjetajiet ta' ċereali u varjetajiet ta' ħaxix/silla elenkati fil-katalgu Finlandiż u li, ħlief għal kwantitajiet żgħar ikkoltivati fir-reġjuni mal-fruntiera tal-Finlandja, jitkabbru biss f'dak l-Istat Membru.

L-awtorizzazzjoni għall-assistenza għaż-żerriegħa taċ-ċereali tiffissa limitu oġġla għal kwantità eliġibbli ta' 100 000 tunnellata metrika u livell massimu ta' assistenza ta' EUR 2,523 miljun għal kull 100 kilogramma, li jirrappreżentaw ammont massimu ta' EUR 2,523 miljun (ara l-Anness I).

Għall-assistenza għall-produzzjoni taż-żrieragħ tal-ħaxix/silla l-awtorizzazzjoni tiffissa għal kull speċi limitu oġġla ta' assistenza għal kull ettaru u għaż-żona eliġibbli, li jirrappreżenta ammont massimu ta' EUR 1,814-il miljun (ara l-Anness II).

##### 2.1. Assistenza għaż-żerriegħa taċ-ċereali

Matul il-perjodu 2000–2005 l-produzzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali żdiedet bi 23%, minn 57 309 tunnellata metrika għal 70 531 tunnellata metrika.

<sup>1</sup> ĠU L 246, 5.11.1971, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1). Revokat u sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1947/2005. (ĠU L 312, 29.11.2005, p.3.)

<sup>2</sup> ĠU L 21, 23.1.2001, p. 17.

<sup>3</sup> ĠU L 21, 23.1.2001, p. 18.

Matul l-istess perjodu, il-produzzjoni taż-żerriegħa tax-xgħir żdiedet bi 62%, tal-qamħ tar-Rebbiegħa b'163% u tal-qamħ tal-Ħarifa b'70%. Il-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ħafur, minn naħa l-oħra, naqset bi 32%, bħall-produzzjoni taż-żerriegħa tas-segala li naqset b'10%.

It-Tabella 1 tinkludi t-tagħrif li wasal mill-awtoritajiet Finlandiżi. Tkopri l-perjodu 2000–2005.

Tabella 1 Produzzjoni ċertifikata taż-żerriegħa taċ-ċereali (f'tunnellati metriċi) fil-Finlandja fis-snin 2000 sa 2005

Ċereali	2000	2001	2002	2003	2004	2005	bidla % 2000/2005
Xgħir	24 638	24 206	25 578	26 074	36 551	39 912	62%
Ħafur	27 510	24 889	25 635	24 209	20 431	18 665	-32%
Segala	660	569	887	1 394	315	592	-10%
Qamħ tar-Rebbiegħa	3 976	4 909	7 023	11 362	10 252	10 471	163%
Qamħ tal-Ħarifa	525	861	1 056	1 141	1 552	892	70%
Total	57 309	55 434	60 179	64 180	69 101	70 531	23%

Sors: ikkomunikat mill-Finlandja.

Filwaqt li l-livell ta' l-assistenza hu ffissat għal kull 100 kg, l-assistenza medja stmata għal kull ettaru għall-perjodu 2000 sa 2005 hija ta' madwar €68/ettaru, u t-tendenza qed togħla, kif jidher fit-Tabella 2.

Tabella 2 Stima tal-livell ta' l-assistenza għaż-żerriegħa taċ-ċereali għal kull ettaru abbażi tar-rendita medja storika u livell ta' assistenza ta' EUR 2,523 għal kull 100 kg

	2000	2001	2002	2003	2004	2005	Medja 2000 sa 2005
Produzzjoni (kg)	57 308 772	55 434 443	60 178 667	64 179 629	67 723 135	70 531 482	62 559 355
Erja (ettari)	27 324	24 436	20 639	21 379	21 699	23 341	23 136
Rendita(kg/ettaru) <sup>(1)</sup>	2 097	2 269	2 916	3 002	3 121	3 022	2 704
Livell ta' assistenza (€/ettaru)	52,9	57,2	73,6	75,7	78,7	76,2	68,2

<sup>(1)</sup> Rendita medja ta' xgħir, ħafur, segala, qamħ tax-xitwa u tar-rebbiegħa.

Matul il-perjodu 2000–2005, il-livell medju tar-rendita għall-produzzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali żdied b'44%, u għalhekk il-livell ta' l-assistenza għal kull ettaru kellu l-istess żvilupp.

Il-varjetajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali li rċevew assistenza nazzjonali bejn l-2000 u l-2005 huma inklużi fl-Anness III. Mil-lista jidher li l-għadd ta' varjetajiet, b'mod partikolari tax-xgħir, żdied b'mod sinifikanti.

## 2.2. Assistenza għaż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla

### 2.2.1. Produzzjoni

Il-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ħaxix/tas-silla għall-perjodu 2000 sa 2005 naqset mill-oġġla livell ta' 4 685 tunnellata metrika fl-2001 għall-aktar livell baxx ta' 1 654 tunnellata metrika fl-2004, l-aktar minħabba varjazzjonijiet meteoroloġiċi.

Madankollu, kif jidher mit-Tabella 3 l-produzzjoni fl-2004 kienet taħt il-medja ta' sitt snin ta' madwar 3 163 tunnellata metrika. Il-ħaxix ta' l-għalf hija l-ispeċi l-aktar importanti.

Tabella 3 Produzzjoni ċertifikata taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla (tunnellati metriċi) fil-Finlandja fis-snin 2000 sa 2005

Speċi	2000	2001	2002	2003	2004	2005	bidla % 2000–2005
Silla ħamra	53	125	68	62	4	52	-2%
Ħaxix ta' l-għalf	2 151	3 781	3 541	2 594	1 319	1 908	-11%
Żwien tal-bur	423	732	468	454	318	700	66%
Sieq is-serduq	6	3	0	2	0	0	
Ħaxix tas-Segala	45	44	31	38	13	43	-6%
Total	2 678	4 685	4 108	3 150	1 654	2 703	1%

Sors: ikkomunikat mill-Finlandja

### 2.2.2. Implimentazzjoni

Matul il-perjodu 2000–2005, l-awtoritajiet Finlandiżi introduċew, fuq inizjattiva tagħhom stess, xi aġġustamenti għas-sistemi għall-għoti ta' l-assistenza, jiġifieri modifika ta' l-assistenza għal kull ettaru fil-każ ta' eċċess taż-żona massima awtorizzata u divrenzjar fil-livell ta' assistenza għal kull reġjun.

### 2.2.3. Modifika ta' l-assistenza

F'diversi okkażjonijiet matul il-perjodu 2000–2005, iż-żona approvata mill-Finlandja, u li fuqha kienu jitkabbru ż-żrieragħ, eċċediet iż-żona massima indikata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/61/KE.

Għat-tqassim ta' l-assistenza f'każ bħal dan ġew użati żewġ metodi.

Għall-ewwel, matul il-perjodu 2000 sa 2002, kull pakkett finanzjarju kien ikkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni taż-żona massima bl-assistenza massima għal kull ettaru kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Dak il-pakkett imbagħad, ġie diviż biż-żona nazzjonali approvata, li tkun eċċediet iż-żona massima awtorizzata, bir-riżultat li kien jitnaqqas il-livell ta' l-assistenza għal kull ettaru.

Fl-2003 ddaħħal il-kunċett tal-koeffiċjent ta' unità ta' assistenza li kien definit bħala “dak il-proporzjon ta' daqs ta' unità eliġibbli għal assistenza u s-suġġett ta' applikazzjoni għal assistenza, li għalih titħallas assistenza”.

Fil-każ ta' eċċess taż-żona massima nazzjonali, iż-żona eliġibbli għall-assistenza kienet tiġi kkalkolata bl-użu tal-koeffiċjent ta' unità ta' assistenza u billi tonqos b'mod lineari iż-żona approvata ta' l-applikanti kollha.

Fil-prattika, l-użu tal-koeffiċjent ta' unità ta' assistenza ta' inqas minn wieħed jirriżulta f'livell ta' bidwi individwali, f'assistenza mogħtija biss għal parti ta' kull ettaru li għalih tkun saret applikazzjoni.

### 2.2.4. Divrenzjar fl-assistenza għal kull reġjun

Fl-2004 u l-2005 l-livell ta' l-assistenza mogħtija lill-produtturi taż-żrieragħ varja skond ir-reġjun (ara l-Anness IV). Il-livell ta' l-assistenza kien maqsum f'żewġ

kategoriji: kategorija waħda għar-reġjuni A u B fin-Nofsinhar tal-Finlandja u kategorija oħra għar-reġjuni C1 sa C4, fil-parti tat-Tramuntana tal-Finlandja.

Ir-raġuni li għaliha ġie stabbilit divrenzjar reġjonali kienet l-introduzzjoni ta' pagamenti nazzjonali addizzjonali għall-iskema agroambjentali applikabbli biss fir-reġjuni A u B u konsegwentement biex jiġi evitat kumpens żejjed.

#### 2.2.5. *Varjetajiet ta' żrieragħ f'kull speċi eliġibbli għal assistenza (Anness V)*

Matul il-perjodu 2000–2005 l-lista ta' varjetajiet ta' żrieragħ f'kull speċi li ħadet assistenza nazzjonali awtorizzata espandiet b'mod konsiderevoli l-iktar għall-Ħaxix ta' l-għalf u s-Silla ħamra.

Għall-perjodu 2000 sa 2005, l-evoluzzjoni ta' kull speċi assistita, id-dettalji tal-produzzjoni, iż-żona approvata wara spezzjoni, ir-rendita, iż-żona li tikkorrispondi ma' l-assistenza massima u l-assistenza għal kull ettaru jidher fl-Anness VI. Analiżi ta' din id-data twassal għall-kummenti fil-paragrafi li ġejjin. Fl-analiżi ssir referenza għal-livell tar-rendita medja ta' UE-15, li jidher fl-Anness VIII, Tabella 1.

#### 2.2.6. *Silla ħamra ('Trifolium pratense L.') – Anness VI, Tabella 1*

Matul is-snin 2000 sa 2005 kien hemm varjazzjoni sostanzjali fil-kwantità totali ta' Silla ħamra mkabbra fil-Finlandja, minn 125 tunnellata metrika fl-2001 għal 4 tunnellati metriċi fl-2004. L-inżul huwa dovut l-aktar għal tnaqqis drammatiku fir-rendita (188 għal 10 kg/ettaru) u, fi grad wisq inqas, għal tnaqqis fiż-żona.

Il-livell medju tar-rendita fl-UE-15 matul il-perjodu 2000–2005 varja minn 260 kg/ettaru fl-2004 għal 380 kg/ettaru fl-2000.

Barra minn hekk, iż-żona approvata wara spezzjoni eċċediet iż-żona massima awtorizzata b'darbtejn, fl-2001 u fl-2002, u rriżultat f'livell ta' assistenza mnaqqas għal kull ettaru.

#### 2.2.7. *Il-Ħaxix ta' l-għalf ('Phleum pratense L.') – Anness VI, Tabella 2*

Il-produzzjoni tal-Ħaxix ta' l-għalf kienet tvarja ukoll fil-perjodu 2000 sa 2005, minn 3 781 tunnellata metrika fl-2001 għal 1 319-il tunnellata metrika fl-2004. Il-varjazzjoni kemm fir-rendita, kif ukoll fiż-żona, wasslu għal disparità fil-volum tal-produzzjoni. Ir-rendita varjat minn 527 kg/ettaru fl-2001 għal 236 kg/ettaru fl-2004.

Bħala medja, il-livell tar-rendita fl-UE-15 matul il-perjodu 2000–2005 varja bejn 280 kg/ettaru u 530 kg/ettaru. Il-livelli tal-ġbir għall-produzzjoni tal-Ħaxix ta' l-għalf fil-Finlandja jistgħu kważi jitqabblu maċ-ċifri medji ta' l-UE-15 matul dawk is-snin.

Barra minn hekk, iż-żona approvata wara spezzjoni li fuqha kien jitkabbar il-Ħaxix ta' l-għalf eċċediet iż-żona massima awtorizzata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/61/KE matul il-perjodu kollu, l-aktar fis-snin 2001, 2002 u 2003, meta ż-żona eċċediet iż-żona massima awtorizzata b'iktar minn 40%.

L-eċċess taż-żona massima awtorizzata wassal għal tnaqqis fl-assistenza għal kull ettaru fil-perjodu 2000–2002. Mill-2003 beda jsir użu minn koeffiċjent ta' unità ta' assistenza, li kien 0,70 fl-2003, 0,89 fl-2004 u 0,97 fl-2005.

2.2.8. *Żwien tal-bur ('Festuca pratensis huds.') – Anness VI, Tabella 3*

Il-produzzjoni taż-żerriegħa taż-żwien tal-bur varjat minn massimu ta' 732 tunnellata metrika fl-2001 għal 318-il tunnellata metrika fl-2004.

Ċifri tal-għbir matul il-perjodu 2000–2005 juru ċerta volatilità, b'rendita tvarja minn 444 kg/ettaru fl-2001 għal madwar 200 kg/ettaru fl-2004.

Il-livell medju tar-rendita fl-UE-15 matul il-perjodu 2000–2005 varja bejn 530 kg/ettaru u 750 kg/ettaru.

Barra minn hekk, iż-żona approvata wara spezzjoni eċċediet iż-żona massima awtorizzata kull sena, b'eċċess sostanzjali fl-2003 ta' iktar minn 44%.

Fl-2000–2002 dan wassal għal livell ta' assistenza mnaqqas. Intuża koeffiċjent ta' unità ta' assistenza ta' 0,68 fl-2003, 0,75 fl-2004 u 0,74 fl-2005.

2.2.9. *Sieq is-serduq ('Dactylis glomerata L.') – Anness VI, Tabella 4*

Il-produzzjoni varjat minn 6 tunnellati metriċi fl-2000 għal xejn fl-2004 u fl-2005.

Il-livelli ta' rendita taż-żerriegħa ta' Sieq is-serduq varjaw minn 339 kg/ettaru fl-2003 għal 23 kg/ettaru fl-2002.

Bħala medja fl-UE-15, il-livelli ta' rendita varjaw minn 790 kg/ettaru għal 1 020 kg/ettaru matul il-perjodu 2000–2005.

Matul il-perjodu 2000–2003 iż-żona approvata wara spezzjoni għal produzzjoni ta' żerriegħa ta' Sieq is-serduq baqgħet fiż-żona massima indikata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/61/KE, u fl-2004 u fl-2005 ma kien hemm ebda żona approvata. Bħala riżultat, il-livell ta' assistenza għal kull ettaru baqa' ma nbidilx matul il-perjodu 2000–2003.

L-interess fil-produzzjoni ta' żerriegħa ta' Sieq is-serduq jidher li qed jonqos.

2.2.10. *Sikrana ('Lolium perenne L.') – Anness VI, Tabella 5*

Il-produzzjoni varjat minn 45 tunnellata metrika fl-2000 għal 13-il tunnellata metrika fl-2004.

Ir-rendita taż-żerriegħa tas-sikrana fil-Finlandja varjat bejn 651 kg/ettaru fl-2001 u 180 kg/ettaru fl-2004.

Fl-UE-15, il-livelli medji ta' rendita matul il-perjodu 2000–2005 varjaw bejn 1 090 kg/ettaru u 1 510 kg/ettaru.

Għall-perjodu 2000–2005, iż-żona approvata wara spezzjoni baqgħet sew fiż-żona massima stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-assistenza mogħtija għal kull ettaru baqgħet ma nbidlitx u kienet fil-livell massimu.

### **3. L-IMPORTAZZJONI TA' ŻERRIEĠHA FIL-FINLANDJA**

#### **3.1. L-importazzjoni taż-żerriegħa taç-ċereali – Anness VII – Tabelli 1 u 2**

L-importazzjoni taż-żerriegħa taç-ċereali żdiedet minn 39 tunnellata metrika fl-2000 għal 118-il tunnellata metrika fl-2004 iżda niżlet għal 5 tunnellati metriċi fl-2005 (Anness VII, Tabella 1).

Il-perċentwal ta' importazzjoni/produzzjoni fl-2000 kien ta' 0,07%; fl-2005 dak il-perċentwal kient ukoll aktar baxx.

Il-kwantità totali ta' żerriegħa taç-ċereali ċertifikata li kienet disponibbli fis-suq Finlandiż, il-produzzjoni lokali u l-importazzjoni (ebda żrieragħ taç-ċereali ma kienu esportati) kienu f'livell ta' 57 347 tunnellata metrika fl-2000 u 70 536 tunnellata metrika fl-2005 (Anness VII, Tabella 2).

L-importazzjoni taż-żerriegħa taç-ċereali fil-Finlandja esperjenzat xi tkabbir matul parti mill-perjodu kopert, b'żieda temporanja f'daqqa fl-2003, iżda tirrappreżenta parti żgħira ħafna, ukoll fl-2003, tal-kwantità totali ta' żerriegħa taç-ċereali disponibbli fis-suq Finlandiż.

#### **3.2. L-importazzjoni taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla – Anness VII – Tabella 3**

L-importazzjoni taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla esperjenzat tnaqqis konsiderevoli matul il-perjodu 2000–2005. Il-kwantità kollha niżlet b'79% minn 712-il tunnellata metrika fl-2000 għal 152 tunnellata metrika fl-2005. L-aktar livell baxx ta' 142 tunnellata metrika ntlaħaq fl-2002. Dan l-inżul huwa dovut l-aktar għal tnaqqis fl-importazzjoni ta' żrieragħ tal-ħaxix ta' l-għalf u taż-Żwien tal-bur.

Il-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ħaxix ċertifikata fil-Finlandja matul il-perjodu 2000–2005 kienet f'livell ta' 2 678 tunnellata metrika fl-2000 u f'livell ta' 2 703 tunnellati metriċi fl-2005. Is-sehem ta' l-importazzjoni laħaq għal 27%, 5% u 6% rispettivament tal-produzzjoni lokali taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla fl-2000, fl-2003 u fl-2005.

Abbażi tad-*data* fit-Tabella 4 fl-Anness VII, jidher ċar miż-żieda fl-importazzjonijiet fl-2004, li l-importazzjonijiet ssostitwixxew parzjalment in-nuqqas fil-produzzjoni lokali matul dik l-istess sena. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa raġonevoli li wieħed jissuġġerixxi li ż-żerriegħa destinata għas-suq Finlandiż tista' titkabbar barra l-Finlandja.

Fl-aħħarnett, il-fatt li l-produzzjoni lokali taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla tista' tkun sostitwita bl-importazzjonijiet meta l-produzzjoni lokali tkun baxxa juri li l-produzzjoni lokali tikkompeti ma' l-importazzjonijiet għall-istess swieq.

### **4. SKEMI OĦRA TA' ASSISTENZA FIL-FINLANDJA**

#### **Sistemi ta' assistenza bbażati fuq l-Att ta' Adeżjoni**

Abbażi ta' l-Artikolu 143 ta' l-Att ta' Adeżjoni, inħolqot skema ta' assistenza nazzjonali fit-tul għall-Finlandja u għall-Iżvezja biex jagħmlu tajjeb għall-kundizzjonijiet klimatiċi (Assistenza Nordika). Fil-Finlandja din l-iskema tapplika għar-reġjuni C1 sa C4 (ara l-Anness IV) u l-assistenza tiżdied aktar ma wieħed jersaq

lejn it-Tramuntana. Titħallas individwalment, għal kull ettaru jew bħala primjum tal-qatla fir-reġjuni C3 u C4.

Abbażi ta' l-Artikolu 141 ta' l-Att ta' Adeżjoni, hemm skema ta' assistenza li tħalli li tingħata assistenza nazzjonali transitorja u degressiva fir-reġjuni A u B (ara l-Anness IV) għas-setturi tal-bhejjem u ortikolu. L-assistenza hija waħda ta' investment b'intensitajiet ogħla mis-soltu, kif ukoll assistenza finanzjarja.

#### Skemi oħra ta' assistenza

Barra mill-iskemi msemmija hawn fuq, kien hemm ukoll skema ta' assistenza agroambjentali nazzjonali fil-Finlandja. Id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 141 appoġġat assistenza addizzjonali agroambjentali fil-forma ta' hłasijiet bħala inċentiv sa 130% tal-hłas bażiku. Il-hłasijiet bħala inċentiv kienu b'żieda mal-hłasijiet agroambjentali ko-finanzjati u kienu jvarjaw skond l-uċuħ tar-raba'.

Fl-aħħarnett, f'Marzu 2005 kienet ġiet approvata skema ta' Żona Anqas Vantaġġata (LFA). Din l-iskema tħalli li jingħata hłas bażiku u, f'ċerti każijiet, hłas addizzjonali għal żoni eliġibbli għall-allowance kofinanzjata bħala kumpens. Dawn il-hłasijiet huma b'żieda ma' l-allowances kofinanzjati bħala kumpens.

L-Anness XI jagħti stampa ġenerali ta' l-għajnuna finanzjarja minn diversi programmi, minbarra l-assistenza nazzjonali għat-tekabbir taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla u taż-żerriegħa taċ-ċereali, li produttur jista' jirċievi fl-2005.

### **5. ASPETTI TA' PRODUZZJONI TA' ŻRIERAGĦ TAL-ĦAXIX/TAS-SILLA FIL-FINLANDJA U FL-UE-15, KOLLHA KEMM HI**

L-Anness VIII jagħti stampa ġenerali fuq il-produzzjoni, il-prezzijiet medji u r-renditi fil-medju fl-UE-15 matul il-perjodu 2000–2005. L-Anness jinkludi wkoll paragun ma' data Finlandiża.

Abbażi ta' dik il-ħarsa ġenerali jista' jingħad li:

- ir-renditi taż-żerriegħa Finlandiża huwa fil-biċċa l-kbira taħt il-medja ta' l-UE-15 hłief għall-Ħaxix ta' l-għalf li bħala medja huwa simili (Anness VIII, Tabella 1);
- il-prezzijiet medji Finlandiżi huma ġeneralment ogħla mil-livelli medji ta' l-UE-15 speċjalment għas-Silla ħamra (Anness VIII, Tabella 2);
- id-dħul tas-suq Finlandiż mill-produzzjoni taż-żerriegħa ġeneralment huwa taħt il-medja ta' l-UE-15 (Anness VIII, Tabella 3);
- l-assistenza medja Finlandiża, inkluża l-assistenza ta' l-UE u dik nazzjonali għall-perjodu 2000 sa 2004, għal kull ettaru għall-produzzjoni taż-żerriegħa, taqbeż sewwa l-medja ta' l-UE-15, bl-eċċezzjoni ta' Sieq is-serduq (Anness VIII, Tabella 6);
- id-dħul totali Finlandiż (inklużi s-suq u l-assistenza) għall-produzzjoni taż-żerriegħa għall-perjodu 2000 sa 2004, għal kull ettaru huma fil-parti l-kbira tas-snin ogħla mill-medja ta' l-UE-15 għas-Silla ħamra u l-Ħaxix ta' l-għalf, iżda ġeneralment taħt il-medja ta' l-UE-15 għall-Żwien tal-bur u s-Segala. Id-data

għal Sieq is-serduq fil-Finlandja mhix bizzżejjed biex titqabbel maċ-ċifri ta' l-UE-15 (Anness VIII, Tabella 7).

## **6. SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU**

Mill-bidu ta' l-2006 il-Finlandja bdiet tapplika l-Iskema ta' Pagament Uniku, u tapplika mudell dinamiku ibridu reġjonali. Il-Finlandja hija maqsuma fi tliet reġjuni u madwar 80% ta' l-għajjnuna mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) tiġi trasferita għall-ħlas bir-rata uniformi reġjonali. Fl-istess waqt, ċerti ħlasijiet jibqgħu akkoppjati u jitħallsu biex jikkomplementaw il-ħlasijiet bir-rata uniformi. L-għan hu li jkun hemm ħlas bir-rata uniformi inklużiva għas-settur kollu fl-2016, billi jitnaqqas ftit ftit il-livell ta' ħlasijiet komplementari.

L-assistenza kollha għal uċuħ tar-raba' li jinħarat u l-assistenza Komunitarja għaż-żrieragħ hija diżakkoppjata bis-sħiħ, ħlief għall-produzzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf (*Phleum pratense L.*) li l-assistenza għaliha tibqa' akkoppjata f'konformità ma' l-Artikolu 99 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003. Aktarx li ż-żamma ta' l-assistenza akkoppjata għall-produzzjoni tal-Ħaxix ta' l-għalf tiżgura livell għoli kontinwu ta' produzzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf fil-Finlandja.

## **7. SOMMARJU U OSSERVAZZJONIJIET**

### **7.1. Bażi legali**

Id-dispożizzjoni tar-Regolament bażiku li ddaħħal bl-Att ta' Adeżjoni, li tawtorizza lill-Finlandja tagħti assistenza nazzjonali tidher li hija ta' natura transitorja minħabba li t-test jippermetti lill-Kummissjoni li tibgħat lill-Kunsill mhux biss rapport iżda wkoll “kull proposta neċessarja” li jkollha x'taqsam ma' l-iskema nazzjonali ta' assistenza.

### **7.2. L-implimentazzjoni tas-sistema**

Il-Finlandja hija awtorizzata tagħti assistenza lil dawk li jkabbru fil-limiti taż-żoni u l-ammonti stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2001/60/KE u 2001/61/KE.

Fl-2000–2002 l-assistenza tidher li tqassmet maż-żona kollha tal-produzzjoni, li xi drabi eċċediet iż-żona awtorizzata u wasslet għal livell ta' assistenza mnaqqas. Wara l-2002, intuża l-metodu tal-koeffiċjent ta' unità ta' assistenza.

### **7.3. Skemi oħra ta' assistenza**

Il-biċċa l-kbira ta' l-iskemi msemija fil-Kapitolu 4, ħlief għall-iskema bbażata skond l-Artikolu 141 ta' l-Att ta' Adeżjoni, huma primarjament maħsuba biex jagħmlu tajjeb għall-kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli li fihom ikollhom jaħdmu l-bdiewa Finlandiżi.

Għaldaqstant, il-motivazzjoni għall-introduzzjoni ta' ħafna minn dawk l-iskemi u l-assistenza nazzjonali għall-produzzjoni taż-żrieragħ huma l-istess, u n-natura kumulattiva ta' l-iskemi ta' assistenza introdotti minħabba raġunijiet klimatiċi hija ċara. Peress li l-iskemi ta' assistenza għandhom l-istess skop, jeħtieġ li titqies mill-

ġdid ir-relazzjoni bejn l-iskema nazzjonali ta' assistenza għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali (li ilha hemm 12-il sena) u l-iskemi l-oħra ta' assistenza.

#### **7.4. Skema ta' Pagament Uniku**

Il-Finlandja għażlet li tapplika mudell dinamiku ibridu reġjonali mill-1 ta' Jannar, 2006, biex b'hekk il-ħlasijiet ta' assistenza tal-Komunità għal uċuħ tar-raba' li jinħarat u għas-settur taż-żrieragħ ma baqgħux akkoppjati ħlief għaż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf li l-assistenza għalih tibqa' akkoppjata. Li l-iskema ta' assistenza nazzjonali għall-produzzjoni taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali titkompla b'mod indefinit ifisser li l-akkoppjament mill-ġdid tas-settur isir permanenti u jista' jgħib fix-xejn il-vantaġġi tar-riforma ta' l-2003. Jista' jkun hemm ukoll implikazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WTO).

Barra minn hekk, iż-żerriegħa tal-Ħaxix ta' l-għalf hija mmultiplikata fil-Finlandja f'kundizzjonijiet kważi mill-aqwa u pjuttost kompetittivi. Li jibqa' jkun hemm l-assistenza akkoppjata għall-produzzjoni tal-Ħaxix ta' l-għalf x'aktarx li jassigura livell għoli kontinwu tal-produzzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf fil-Finlandja.

#### **7.5. Multiplikazzjoni f'pajjiżi oħra**

Abbażi taż-żieda fl-importazzjoni taż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla matul l-2004, sena li fiha l-produzzjoni kienet naqset ħafna u kien hemm żieda qawwija fl-importazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali fl-2003, jidher li jkun possibbli li jiġu mmultiplikati ż-żrieragħ tal-ħaxix/tas-silla u ż-żerriegħa taċ-ċereali, destinati għas-suq Finlandiż u għall-kundizzjonijiet speċifiċi klimatiċi tiegħu, 'il barra mill-Finlandja.

#### **7.6. Il-produzzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali**

Il-produzzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali wriet xejra ta' tkabbir matul il-perjodu 2000–2005. Barra minn hekk, il-livell medju tar-rendita għall-produzzjoni ta' żerriegħa taċ-ċereali żdied b'44%, u, għalhekk, il-livell ta' assistenza għal kull ettaru kellu l-istess żvilupp.

Barra dan, l-għadd ta' varjetajiet li jirċievu l-assistenza nazzjonali żdied b'mod sostanzjali matul il-perjodu 2000–2005.

#### **7.7. Importazzjonijiet fil-Finlandja**

Matul il-perjodu 2000 sa l-2005 il-kwantità ta' żerriegħa taċ-ċereali importata kienet f'livell baxx ħafna. Il-volum żdied kemmxejn tul dan il-perjodu iżda waqa' għal livell baxx ħafna fl-2005.

Matul il-perjodu 2000 sa 2005, il-kwantitajiet ta' żrieragħ importati tal-ħaxix/tas-silla waqgħu b'79% u kienu jlaħħqu 6% tal-produzzjoni lokali.

Il-fatt li l-produzzjoni lokali tista' tiġi sostitwita b'importazzjonijiet meta l-produzzjoni lokali tkun baxxa juri li l-produzzjoni lokali tikkompeti ma' l-importazzjonijiet għall-istess swieq.

Għaldaqstant ma jistax jiġi eskluż li l-assistenza nazzjonali għall-produzzjoni taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali hija ta' xkiel għall-importazzjoni, billi tagħmel il-

produzzjoni taż-żerriegħa Finlandiża artifiċjalment kompetittiva kontra l-importazzjonijiet minn Stati Membri oħrajn.

## **8. PROPOSTA**

Abbażi tar-risultat ta' dan ir-rapport, qed tinhemeż proposta għal Regolament tal-Kunsill.

Il-miżuri proposti ma għandhom l-ebda impatt fuq il-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1947/2005 l-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill rapport dwar ir-riżultati ta' l-assistenza nazzjonali awtorizzata fil-Finlandja għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u għal ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali flimkien ma' kull proposta meħtieġa.

Il-konklużjonijiet tar-riżultati ta' l-assistenza mogħtija fil-Finlandja għall-produzzjoni taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali ġew ippreżentati b'mod ċar fir-rapport "dwar ir-riżultati ta' l-assistenza awtorizzata fil-Finlandja għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali". Ir-rapport jiddeskrivi l-iżviluppi fis-setturi taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali fil-Finlandja matul il-perjodu 2000 sa l-2005.

Abbażi b'mod partikolari tad-disponibbiltà ta' programmi oħra ta' assistenza li jagħmlu tajjeb għall-kundizzjonijiet klimatiċi li fihom jaħdmu l-bdiewa Finlandiżi, il-ħtieġa li jkunu evitati kumpens doppju u possibbilment it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni minħabba l-iskema nazzjonali ta' assistenza, qed jiġi propost li titneħħa l-possibbiltà li l-Finlandja tagħti assistenza nazzjonali għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali mill-2011 'il quddiem, ħlief għaż-żerriegħa tal-Ħaxix ta' l-għalf li l-assistenza għalih twaqqfet fl-2006. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1947/2005 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2358/71 u (KEE) Nru 1674/72 qed jiġi emendat skond dan.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1947/2005, dwar l-assistenza nazzjonali mogħtija mill-Finlandja għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 36 u, t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>4</sup>,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1947/2005 tat-23 ta' Novembru, 2005, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2358/71 u (KEE) Nru 1674/72<sup>5</sup>, il-Finlandja tista', suġġetta għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, tagħti assistenza għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u żerriegħa taċ-ċereali prodotti fil-Finlandja minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi tagħha.
- (2) Abbażi tat-tagħrif mibgħut mill-Finlandja lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni bagħtet rapport<sup>6</sup> lill-Kunsill, b'konformità mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2), tar-Regolament (KE) Nru 1947/2005. Dak ir-rapport juri li l-produtturi taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali fil-Finlandja għandhom aċċess għal skemi oħra ta' assistenza u jibbenefikaw minnhom, li jagħmlu tajjeb għall-kundizzjonijiet klimatiċi li fihom jaħdmu l-bdiewa Finlandiżi.
- (3) Ir-rapport juri wkoll li l-volum tal-produzzjoni taż-żrieragħ taċ-ċereali fil-Finlandja esperjenza xejra 'l fuq u li l-kwantità importata taż-żrieragħ taċ-ċereali hija żgħira mqabbla mal-kwantità prodotta lokalment. Barra minn hekk, ir-rapport jagħti xhieda li turi li meta l-produzzjoni taż-żrieragħ imkabbra lokalment naqset, l-importazzjonijiet żdiedu u viċversa, li jwassal għall-konklużjoni li s-sostituzzjoni taż-żrieragħ lokali bi żrieragħ importati hija possibbli u li l-assistenza nazzjonali Finlandiża taf tikkawża tagħwiġ tal-kompetizzjoni mal-prodotti importati.

---

<sup>4</sup> ĠU C ..., ..., p. ...

<sup>5</sup> ĠU L 312, 29.11.2005, p. 3.

<sup>6</sup> COM(2007)

- (4) Iż-żerriegħa tal-Ħaxix ta' l-għalf hija mmultiplikata fil-Finlandja f'kundizzjonijiet kważi mill-aqwa u kompetittivi. Iż-żamma ta' l-għajnuna akkoppjata għall-produzzjoni tal-Ħaxix ta' l-għalf jipprovdi inċentiv għall-produzzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf fil-Finlandja. L-għoti ta' assistenza nazzjonali liż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf għandu, għaldaqstant, jieqaf.
- (5) Minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq u sabiex is-suq uniku jiffunzjona kif suppost, jixraq li titwaqqaf il-possibbiltà li l-Finlandja tagħti assistenza nazzjonali għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali. Madankollu, sabiex il-bdiewa fil-Finlandja jingħataw l-opportunità li jħejju għal sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm assistenza nazzjonali, ikun jixraq li tingħata assistenza għall-produzzjoni taż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali, bl-eċċezzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf, matul perjodu aħħari, addizzjonali u transitorju, u mbagħad titneħħa.
- (6) Bil-għan li jkun hemm reviżjoni intermedja tas-sistema ta' assistenza nazzjonali, il-Finlandja ikun jeħtiġilha tagħmel rapport dettaljat dwar ir-riżultati ta' l-assistenza nazzjonali mogħtija.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1947/2005 għandu, għaldaqstant, jiġi emendat skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1947/2005, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan il-ġej:

- “2. Il-Finlandja tista', suġġetta għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, tagħti assistenza għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ, bl-eċċezzjoni taż-żrieragħ tal-Ħaxix ta' l-għalf (*Phleum pratense L.*), u għal ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali mkabbra biss fil-Finlandja sa u inkluża l-ħsad ta' l-2010.

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2008, il-Finlandja għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar ir-riżultati ta' l-assistenza awtorizzata.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*